**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Laqgħa Nru. 20-07/2016

Data: 24 t' Awwissu 2016

Hin: 2.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

9. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv
10. Offerti Pubbliċi
11. Ġemellaġġ ma Macerata
12. Car Free Day
13. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
14. Proġetti u Xogħlijiet
15. Traffiku u parkeġġ
16. Ġonna u Soft areas
17. Pubblikazzjoni ta Ktieb
18. Clean up Day
19. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber
20. Aġġornament.

**Minuti - 19-07/2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tas-sittax (19)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja 14.2 u talab li il-kelma "birra" tiġi sostitwita bil-kelma "alkoħol". Il-Kunsill qabel nem con.

1.1.2. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.1.3. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal materja 3.3.1 li titratta l-ispazju ta parkeġġ riservat għal UHM u staqsa jekk kienx hemm risposti riċevuti.

2.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għadu ma irċeviex kjarifika

2.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal materja 4.3.1 li titratta it-talba imressqa mill-istabbiliment Chef's Plate, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret it-talba għal iktar informazzjoni kif diskuss iżda ma kienx hemm tweġiba.

2.2.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa li l-istabbiliment, xorta ħareġ l-imwejjed u s-siġġijiet barra, anke jekk mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u għaldaqstant issuġġerixxa li tittieħed azzjoni.

2.2.3. Il-Kunsill qabel unanimament li isir ir-rapport neċessarju lil-awtorità kompetenti.

2.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal materja 4.6 li titratta tpoġġija ta *Vending Machine* fejn il-latrini pubbliċi ta Bieb il-Bombi.

2.3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret it-talba lil-applikant, li issottometta id-dettalji rikjesti, u għaldaqstant, ingħata l-permess skont leġislazzjoni sussidjarja 441.04

2.4. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal materja 4.8 li titratta il-kuntratt mad-District Operations Ltd.

2.4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-Dipartiment għadu ma rrispondiex it-talba / kjarifika rikjesta.

2.5. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal materja 4.11.4 li titratta l-każ tal-Consignment Forms, u l-Kuntrattur Dimbros Ltd, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-ittra intbagħtet mill-Avukat u kopja b-email, madankollu il-Kuntrattur naqas xorta milli jaderixxi mat-talba tal-Kunsill.

2.5.2. Is-Sindku infurmat ukoll li il-ħlasijiet lejn dan il-kuntrattur huma wkoll miżmuma u dan sakemm jaderixxi ruħu

2.5.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li s-servizz ta dan il-Kuntrattur huwa wieħed mimli problemi, fejn kull nar ta Sibt ikollha argument miegħu. Hija infurmat li dan il-kuntrattur dejjem bl-iskużi u s-servizz dejjem bil-problemi.

2.5.4. Il-Kunsill qabel li s-Sur Dimech, ta Dimbros Ltd, għandu jiġi infurmat li jekk il-consignment forms ma jaslux, u l-Kunsill jeħel xi multi, ser jinżamm responsabbli tad-danni kollha, u l-multi jiġu imnaqqsa mill-ħlas dovut lilu.

2.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq materja 2.1 u staqsa jekk il-Kunsill ingħatax laqgħa mal-V18.

2.6.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Matthew Paris kellu jagħmel kuntatt mas-Sur Xuereb.

# 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsilliera preżenti bit-terremot li sar propju dak il-lejl u li effettwa l-belt ta Maċerata, il-belt ġemellata mal-Floriana.

3.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet sospensjoni tal-laqgħu u issir minuta silenzju f'ġieħ il-vittmi ta dan it-terremot. Il-Kunsill qabel

3.1.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jwassal formalment il-ħsieb tiegħu lil Kunsill ta Maċerata.

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li riċentement ġie assenjat ħaddiem manwali ieħor taħt l-iskema offruta tad-District Operations, is-Sur Frans Camilleri. Is-Sindku informat li s-Sur Camilleri huwa bniedem tas-sengħa u integra tajjeb b'mod immedjat mat-tim tal-Kunsill.

3.2.1. Il-Kunsill awgura l-ħidma t-tajba lis-Sur Camilleri.

3.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lil membri preżenti li ser tintalab laqgħa mal-Onor Justyne Caruana sabiex jiġi diskuss il-qasam tal-anzjani.

3.3.1. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti mas-Sottokumitat għal Anzjani, punti sabiex jiġu mressqa lil-Onor Caruana.

# 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Ħatra ta Deputat Aġent / Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li tiġi innominata is-Sinjura Emmanie Borġ Bonaci, li preżentement tokkupa l-kariga ta Assistent Prinċipal tal-Uffiċju amministrattiv. Is-Sindku żiedet tgħid li s-Sinjura Bonaci hija eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti sabiex tokkupa din il-kariga. Il-Viċi Sindku Vince Borg issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet Ċirkolari 9/2016 riċevuta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward restawr ta Postijiet Storiċi.

4.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu japplika għar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta San Publju li hija knisja maestuża fi Pjazza San Publju.

**NB 2.28pm il-Kunsillier Matthew Paris attenda għal-laqgħa**

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Christian Sciberras, koordinatur ta Skola Sajf Floriana, fejn talab il-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex l-istudenti jingħataw opportunita li jżuru l-ġonna permezz ta *tour* fil-ġonna tal-Floriana.

4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiġi organizzat tour madwar il-ġonna tal-lokalita, u anke jiġu offruti l-opportunita' li jżuru u jqattaw ftit ħin fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill

4.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand is-Sinjura Rachel Shepherd mill-organizzazzjoni birdlife, li offrew li jorganizzaw kors fuq il-benefiċċju tas-siġar u kif jiġu miżbura.

4.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jingħata l-inkarigu lis-Sottokumitat tal-Indafa sabiex jevalwa u jressaq il-proposta tiegħu.

4.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Raymond Camilleri, Direttur tas-sezzjoni tal-Eżamijiet fejn talab li jiġi utilizzat spazju eżistenti bħala parkeġġ għad dipartiment.

4.5.1. Il-Kunsill innota li din it-talba tressqet diversi drabi, u f'kull istant, kien infurmat li d-Dipartiment imsemmi mhuwiex intitolat għal-spazju ta parkeġġ riservat.

4.5.2. Għaldaqstant, wara diskussjoni libera, il-Kunsill m'approvax it-talba tas-Sur Camilleri.

4.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur John Neville Ebejer, mid-Direttorat tal-Parks, fejn talab il-Kunsill jipparteċipa f'ċerimonja ta żrigħ ta siġar, billi joffri l-ispazju neċessarju f'wieħed mill-ġonna.

4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li m'għandhomx jinżeraw iktar siġar fil-ġonna amministrati mill-Kunsill, madankollu, jista' jiggwida lis-Sur Ebejer javviċina lil ELC, sabiex possibbilment jidentifikaw żona immaniġġjata li kapaċi takkomoda tali talba.

4.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand l-Klabb tal-Boċċi tal-Floriana, fejn talbu l-kunsill sabiex isir rinnovazzjoni fid-dwal fi-ż-żona.

4.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir ix-xogħol konġuntament mal-klabb bi spiża ta mhux aktar minn €450

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm tweġiba fit-talba tal-Kunsill sabiex ikun hemm waqfa tal-Park and Ride, fil-Floriana.

5.1.1. Is-Sindku infurmat li fil-fatt, tali waqfa diġà teżisti, fi triq Sant'Anna, madankollu ftit huma dawk li jafu dwarha.

5.1.2. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa ippropona sabiex fejn hu possibli, issir iktar pubbliċita' dwar dan, minħabba li din hija ta vantaġġ għal-lokalita' u l-problema tal-parkeġġ

5.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku kif jekk kienx hemm ilment li fi Triq San Publju qed ikun hemm ħafna ħmieġ taż-żwiemel.

5.2.1. Is-Sindku wieġbet, li kien hemm xi drabi fejn daħal ilment simili, f'diversi toroq, u l-Kunsill kien ħa ħsieb jirrapporta.

5.2.2. Is-Sindku wieġbet ukoll li dan l-ilment ser jiġi proċessat.

5.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk il-Bring-in Sites li ġew rilokata għal fejn il-MEPA, hux ser jibqaw fejn huma, la darba iż-żmien ta prova skada.

5.3.1. Is-Sindku wieġbet li hi tal-opinjoni li jibqaw hemm. Il-Kunsill qabel.

5.3.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul talab li jsir iktar infurzar u senjalazzjoni aħjar minħabba li dawn ta spiss qed ikollhom l-aċċess ristrett mill-karozzi li jipparkjaw b'mod abbużiv.

5.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk hijiex infurmata li Ġnien il-Mall mhux qed ikun nadif regolarment, u jekk dan huwiex kaġun ta xi diffikultà.

5.4.1. Is-Sindku infurmat li hi innotat dan in-nuqqas u għamlet ir-riċerka u t-taħditiet neċessarji. Irriżulta li kien hemm bdil fir-riżorsi umani, li seta' wassal għal dan, madankollu, il-problema issa ġiet riżolta.

5.4.2. Il-Kunsill innota wkoll li f'diversi istanzi, qed ikun hemm xi nuqqasijiet fiż-żamma ta numru ta ġonna, u għalhekk il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa ma rappreżentanti tal-ELC sabiex dan jiġi diskuss. Il-qabel ukoll li fit-tali laqgħa, għandu jiġi diskuss l-għeluq t Ġnien il-Mall, minħabba li dan għadu ma sarx.

5.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar artiklu li deher riċenti fuq il-mezzi tal-midja, li jirrigwarda vandaliżmu fi Ġnien Herbert Ganado, u staqsa lis-Sindku jekk ttieħdux xi passi mill-Kunsill

5.5.1. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kemm il-darba talab sabiex issir manutenzjoni f'dan il-Ġnien, partikularment fis-sistema tad-dwal, li seta' kienet raġuni li ħalla lok għal atti vandali.

5.5.2. Il-Kunsill innota li dan il-ġnien huwa nieqes wisq mill-manutenzjoni infrastrutturali.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li jerġa jibgħat it-talba tiegħu lil Ministru, għal azzjoni immedjata fi Ġnien Herbert Ganado.

**NB 3.03pm – Il-Laqgħa ġiet xolta.**
**3.08pm – Il-Laqgħa tkompliet**

5.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-iskema offruta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li titratta fondi għal xiri ta kotba għal librerija u staqsa jekk il-Kunsill Lokali tal-Floriana ipparteċipax.

5.6.1. Is-Sindku infurmat li, minħabba fil-lokalita tal-Floriana hemm il-librerija Nazzjonali, u minħabba li ma hemmx librerija lokali, il-Kunsill ma jipparteċipax, bħal ma isir fl-iskema tal-vaċċin tal-influwenza .

5.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa jekk hux possibli isir kumitat għall-attivitajiet fi ħdan il-Kunsill Lokali u dan minħabba li jaf b'persuni li huma interessati jipparteċipaw.

5.7.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għandu numru diġà ta kumitati, u Sottokumitati. Hija infurmat li fil-qasam tal-attivitajiet, hemm anke Kumitati organizzattivi .

5.7.2. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill dejjem bil-bibien miftuħin għal dawk li jixtiequ jkunu membri f'xi kumitat / sottokumitat

5.7.3. Is-Sindku infurmat ukoll, li ma ssib l-ebda diffikultà sabiex ikun hemm Kumitat/sottokumitat ieħor fi ħdan il-Kunsill, u għaldaqstant ssuġġerixxiet li titkellem mal-persuni interessati.

5.8. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar id-dwal ta Sant' Anna u staqsa għalxiex ma ġiex mixgħul id-dawl fil-festa ta Sant Anna.

5.8.1. Is-Sindku infurmat li kien hemm ħsara fid-dwal u għalhekk ma nxtegħelx.

5.8.2. Relatat mad-dwal tal-lokalita, is-Sindku infurmat ukoll li saret taf dwar xewqa ta persuna li jitranġa dwal ta niċċa ta San Franġisk, liema niċċa hija privata. Is-Sindku kienet infurmata li il-persuna li xtaqet il-manutenzjoni allegat li kienet imwegħda din il-manutenzjoni minn membru tal-Kunsill preċedenti. Is-Sindku irrimarkat ukoll li intqal għajdut li saret komunikazzjoni mas-Kunsillier Vince Borg, meta fil-fatt il-Kunsillier Vince Borg irrimarka li qatt ma tkellem ma din il-persuna fuq dan il-każ. Is-Sindku irrimarkat, li tali niċċa hija privata, u għaldaqstant il-Kunsill mhux ħa jilqa' xi talba sabiex isir tali manutenzjoni. Hija irrimarkat ukoll li min għamel xi wegħdi ta xogħol għal privat, dejjem jista' jagħmlu b'mod privat.

5.9. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa rigward it-twaħħil ta bollards kif diskuss fl-aħħar laqgħa.

5.9.1. Is-Segretarju informa li beda il-proċess

5.10. Il-Kunsillier MP staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta dwar it-talba li saret lil-Ministru Carmelo Abela, sabiex issir laqgħa rigward il-proġett tal-Armata li sar taħt il-Forka.

5.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li hu ma irċeviex risposti.

5.10.2. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li terġa issir it-talba. Huwa irrimarka li jekk ma jkollu risposta, ser ikun qed jitlob sabiex issir konferenza stampa, u f'każ li tali talba ma tintlaqax mill-Kunsill, ser jagħmilha huwa bħala l-Minority leader.

5.11. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq it-twaħħil tal-Fanali ornamentali ta fuq il-fosos.

5.11.1. Is-Sindku wieġbet li saru diversi telefonati u korrispondenza lil-MTA, bħala organizzaturi tal-MTV, fuq il-materja, iżda s'issa għadhom ma twaħħlux.

5.11.2. Is-Sindku infurmat li dawn ser jingħataw l-aħħar avviż, u f'każ li ma jitwaħħlux immedjatament, ser jiġu infurmati li l-Kunsill ser ikun qed joġġezzjona li dawn jinqalaw għal-kunċerti tal-MTV futuri.

5.12. Il-Kunsillier MP staqsa jekk intbagħtetx il-korrispondenza imsemmija fl-aħħar laqgħa, bil-kummenti relevanti, lil- MTA, fir-rigward tal-kunċert tal-MTV

5.12.1. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv

5.13. Il-Kunsillier MP staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-proġett mill-fondi mgħotija mill-Awtorità tat-Turiżmu, bħala kumpens lejn il-lokalita minħabba l-kunċert tal-Isle of MTV.

5.13.1. Is-sindku infurmat li saret it-talba relevanti lil-perit, madankollu, il-Perit kien imsiefer.

5.14. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa jekk il-Kunsill applikax taħt l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali, għal attività Ġenna ta Ġonna. U b'riżultat ta dan, kemm ser ikun il-baġit allokat għall-attività.

5.14.1. Is-Sindku wieġbet li l-applikazzjoni saret, iżda il-Kunsill għadu ma irċeviex risposta, minħabba li dawn jiġu proċessati fix-xahar ta qabel l-attività. Hija wieġbet ukoll li l-baġit huwa ta €6,000, ikun x'ikun l-eżitu tal-applikazzjoni.

5.14.2. Il-Kunsillier informa li bil-baġit allokat, ser ikun qed jaħdem fuq re-branding tal-attività, fejn ser jintuża il-branding ta Explo®e Flo®iana, li tkun tinkludi anke il-*hash tag*. Huwa informa ukoll li qed jaħdem mal-Artist lokali Luca Cauchi fir-rigward tal-poster.

5.14.3. Il-Kunsillier Paris żied billi qal li f'dak il-weekend ser ikun numru ta attivitajiet oħra u għaldaqstant il-kunsill irid jinvesti iktar fir0-reklamar Huwa ppreżenta 2 alternattivi, waħda minnhom tkun ta numru ta umbrelel kuluriti mdendlin waħda minn slaleb it-toroq fi Triq Sant Anna, u l-alternattiva l-oħra il-kliem Explo®e Flo®iana, permezz ta xemgħat, fuq il-fosos. Il-Kunsill qabel li jinġabu l-istimi relevanti

5.14.4. Il-Kunsillier Paris irrimarka ukoll li ser jsiru l-attrazzjonijiet li saru is-sena l-oħra. Ser jiżdiedu wirja ta memorabilja ta' San Publju fuq naħa ta Sant Anna, taħt il-loġoġ, u in-naħa l-oħra esibizzjoni varja ta artisti varji. Huwa issuġġerixxa li ssir sejħa pubblika għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel.

5.14.5. Il-Kunsillier Paris irrakkomanda li jsir bejgħ ta pjanti, iktar u iktar ħabba l-fatt li l-attività hija relatata mal-ġonna. Il-Kunsill qabel li tali inkarigu jingħata lil xi għaqda tal-lokal.

5.14.6. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun għadu in-voga, issir logħba tat-tfittxija tal-Pokemon.

5.14.7. Il-Kunsillier Paris issuġġerixxa li ssir attività ta skultura fir-ramel kbira. Mir-riċerka li għamel, irriżulta li dan isir anke minn kumpaniji barranin, bl-inqas spiża tiġi €3,000 eskluż, vjaġġar u akkomodazzjoni. Il-Kunsill qabel li din issir biss jekk jinġabu sponsorships

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 16/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti numru 34

7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat kien:

Favur: 4 (JAE, MP, DSH, VB,)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili rrakkomandat li bħal snin preċedenti, jitħallas servizz ta attendant u tindif addizzjonali fil-latrini pubbliċi ta Ġnien Re Ġorġ V, bl-ispiża tkun ta €1,000. Il-Kunsill qabel

7.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li s-*subsistence allowance* għal membri tal-Kunsill li ser isiefru fuq il-ġemellaġġ hija ta €115 għal kull membru, Hija żiedet tgħid li skont il-proċeduri finanzjarji, flus li ma jintefqux, jiġu ritornati lil-

Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ il-ħlas lis-Sindku Davina Sammut Hili, lil-Viċi Sindku Vince Borg, u lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Svetlick Flores

7.4. Is-Sindku infurmat ukoll li wara li intbagħtet l-iskeda, il-Kunsill irċieva t-talba tal-ħlas tal-kuntrattur li jieħu ħsieb l-ftuħ u l-għeluq tal-ġonna, u pproponiet li dan jitħallas. Il-Kunsill qabel unanimament

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma Kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq

## 9. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ir-rapport tal-bord tal-għażla, flimkien mad-dokumentazzjoni kolla relevanti mal-każ tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv.

9.2. Is-Sindku innotat li l-bord ikkonkluda is-Sinjura Marie Lourdes Lautier fl-ewwel post, segwita bis-Sinjura Lorraine Templeman, segwita mis-Sinjura Louise Calleja.

9.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq mozzjoni, ssekondata mill-James Aaron Ellul sabiex tiġi innominata is-Sinjura Marie Lourdes Lautier bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Florian. F'każ li ma taċċettax, issir nomina għal-kandidata tat-tieni, post, u f'każ li din ukoll ma taċċettax, issir nomina tal-kandidat tat-tielet post. Il-Kunsillier Matthew Paris iddikjara li ser jastjeni mill-vot, minħabba li ma kienx preżenti waqt l-intervisti. Ittieħed vot bir-rizultat ikun

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet 1 (MP)

## 10. Offerti Pubbliċi

10.1. Is-Sindku ppreżentat l-iskeda tal-offerti riċevuti għall-kameras tas-sigurtà', flimkien mal-evalwazzjoni teknika li saret.

10.2. L-Evalwazzjoni teknika kienet turi li żewġ offerenti biss kienu konformi mar-rekwiżiti kollha mitluba. L-offerenti kienu PTL Ltd, ALLSEC Ltd.

10.3. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lill ALLSEC Ltd, li kien l-irħas offerent kompatibbli mar-rekwiżiti kollha mitluba.

## 11. Ġemellaġġ ma' Macerata.

11.1. Punti ta' din il-materja ġew diskussi f'materja numru 7 tal-Aġenda.

## 12. Car Free Day.

12.1. Is-Sindku infurmat li ġiet avviċinat mis-Sur Victor Battistino, bħala rappreżentant ta Transport Malta, fejn ġie diskuss l-attività tal-Car Free Day, simbolikament fi Triq Sant'Anna. Huwa informaha li bħala Transport Malta ser jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta diversi attivitajiet sportivi, u fl-istess ħin, huwa talab li l-Kunsill jorganizza *tours* fil-ġonna tal-lokal, u ta dan il-Kunsill jingħata l-ħlas ta €2,000.

12.1.1. Il-Kunsill innotat li tali tours ser ikunu jikkompetu u jikkupjaw direttament l-programm ta l-attività' tal-Kunsill Ġenna ta Ġonna, li ser tinżamm eżatt ġimgħa wara l-Car Free Day.

12.1.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li ma jipparteċipax bit-tours fil-ġonna.

12.1.3. Il-Kunsill innota ukoll li ser ikun hemm fl-istess perjodu, ser ikun hemm l-attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista relatati mal-Festa tal-Indipendenza, fuq il-fosos, u possibbilment dan jista' joħloq konflitt fl-immaniġġjar tat-traffiku, minħabba li possibbilment, Triq Sarrija tkun magħluqa. Il-Kunsill qabel li s-sur Battistino jiġi infurmat b'dan.

## 13. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

13.1. Is-Sindku infurmat li dokument li jirregola l-iskema, għadu għand l-avukat għal verifiki neċessarji.

13.2. Is-Sindku talbet lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex ifakkar l-avukat u jitolbu biex iħaffef il-proċess tal-verifika, minħabba li issa għadda wisq żmien.

## 14. Proġetti u Xogħolijiet

14.1. Ma kienx hemm punti diskussi

## 15. Traffiku u Parkeġġ

15.1. Il-Vince Borg irrimarka li persuna għaddietlu talba sabiex isir spazju għal muturi fi Triq San Tumas, billi spazju tal-parkeġġ ta karozza, jiġi trasformat fi tlett spazji għall-muturi.

15.1.1. Il-Kunsill innota li f'dik it-triq hemm diġà ftit spazji ta karozzi

15.1.2. Il-Kunsill qabel unanimanent li qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, issir verifika fuq il-post jekk jistax jiżdied spazju għal muturi minflok li jitnaqqas spazju ta' karozza kif suġġerit.

## 16. Ġonna u Soft Areas

16.1. Ma kienx hemm punti diskussi

## 17. Pubblikazzjoni ta Ktieb

17.1. Is-Sindku tkellmet dwar it-talba tas-Sur Joe Bugeja, sabiex jiġi ippublikat ktieb fuq il-Floriana, kif diskuss fil-laqgħa preċedenti. Hija infurmat li s-Sur Bugeja intalab stima għal stampar ta dan il-ktieb, liema stima ġiet sottomessa, u li tammonta għal €1,849.

17.2. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li ma jilqax it-talba.

## 18. Clean Up Day

18.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-inkarigu u l-kordinazzjoni ta' din l-attività ġie mgħoddi lis-Sotto-Kumitat tal-Indafa

## 19. Akkademja tal-Futbol ta' Justin Haber

19.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Akkademja ta Justin Haber naqset milli tirrimborsa lill-Kunsill l-ispejjeż relatati mal-użu tad-dwal, anke wara li intbagħtu diversi notifiki. Sussegwentement, inqatta il-provvista tad-dawl lil-akkademja.

19.2. Is-Sindku infurmat li l-akkademja, organizzat ukoll Summer Camp, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill

19.3. L-Aġent Segretarju enfasizza li l-grounds m'għandhomx jiġu użati mill-Akkademja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill.

19.4. Il-Kunsill qabel li tinżamm laqgħa urġenti mal-diretturi tal-akkademja sabiex dawn il-materji jiġu diskussi u solvuti.

## 20. Aġġornament tal-Laqgħa

20.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għat Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fis-2.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-4.45 p.m

**[Iffirmat]** **[Iffirmat]**

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26 ta' Settembru 2016